MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 204/2006

**Patrick Pace u Alex Pace ezercitanti Kummerc that l-isem APA Import Export.**

**Vs**

**Joseph Mifsud**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atturi nhar l-erbatax (14) ta' Lulju 2008 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma komplessiva ta' hames elef lira maltin (LM5,000) rappresentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' prodotti ghall-konsum lilu mibjugh u konsenjat u dana bla pregudizzju ghall-ammont verjuri, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekorribli mit-tletin (30) ta' Dicembru 2003 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 datata tnax (12) ta' Mejju 2006, tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet

professjonali fuq dawk il-proceduri u bil-konvenut ingunt in subizzjoni.
Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bl-avviz in kwistjoni nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Mejju 2007 skond ir-riferta tal-marixxal a fol.13 tergo tal-process.

Rat il-kapitolu pprezentat mill-atturi nhar id-dsatax (19) ta’ Frar 2008.

Rat illi fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta’ Frar 2008 l-konvenut gie msejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi ‘n subizzjoni.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta’ hames elef lira Maltin (LM5,000) ekwivalenti ghal €11646.90 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------